

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument leġiżlattiv konsolidat

22.4.2009

EP-PE_TC2-COD(2007)0197

*****II**

POŻIZZJONI TAL- PARLAMENT EWROPEW

adottata fit-tieni qari fit-22 ta' April 2009 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru.../2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (EP-PE_TC2-COD(2007)0197)

PE 424.972

MT

MT

POŻIZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

adottata fit-tieni qari fit-22 ta' April 2009

bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru.../2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat³,

¹ ĠU C 211, 19.8.2008, p. 23.

² ĠU C 172, 5.7.2008, p. 55.

³ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2008 (għad mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tad-9 ta' Jannar 2009 (ĠU C 75 E, 31.3.2009, p. 1) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2009.

Billi:

- (1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 intitolata "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" enfasizzat l-importanza li jiġi kkompletat is-suq intern tal-elettriku u tal-gass naturali. It-titjib tal-qafas regolatorju fil-livell Komunitarju ġie identifikat bħala miżura ewlenija sabiex jintlaħaq dan il-għan.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/796/KE¹ twaqqaf grupp konsultattiv indipendenti dwar l-elettriku u l-gass, imsejjaħ il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għall-Elettriku u l-Gass ("ERGEG") bil-għan li jiffaċilita l-konsultazzjoni, il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn il-korpi regolatorji tal-Istati Membri, u bejn daww il-korpi u l-Kummissjoni, bil-ħsieb tat-tisħiħ tas-swieq interni tal-elettriku u tal-gass naturali. Dak il-grupp huwa magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali stabbiliti taħt id-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku² u d-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali³.

¹ ĠU L 296, 14.11.2003, p. 34.

² ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37.

³ ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.

- (3) Il-ħidma li saret mill-ERGEG mindu ġie stabbilit ikkontribwiet b'mod pożittiv għas-suq intern tal-elettriku u l-gass naturali. Madankollu, hemm kunsens wiesa' fis-settur, u kif ġie propost mill-ERGEG innifsu, li l-koperazzjoni volontarja bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali issa għandha sseħħ fi ħdan struttura Komunitarja b'kompetenzi çari u bis-setgħa li tadotta deçizjonijiet regolatorji individwali f'għadd ta' każijiet speçifiçi.
- (4) Il-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007 stieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi miżuri rigward l-istabbiliment ta' mekkaniżmu indipendenti għall-koperazzjoni bejn ir-regolaturi nazzjonali.
- (5) L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib, fil-waqt li jeliminaw ix-xkiel li hemm għall-iskambju transkonfinali tal-elettriku u l-gass naturali bil-ħsieb li jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika għall-enerġija tal-Komunità. Abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt rigward ir-riżorsi meħtieġa għal entità ċentrali, ġie konkluż li entità ċentrali indipendenti toffri għadd ta' vantaġġi għall-perijodu fit-tul minn għażliet oħra. Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("l-Aġenzija") għandha titwaqqaf sabiex timla n-nuqqas regolatorju fil-livell Komunitarju u sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament effettiv tas-swieq interni tal-elettriku u tal-gass naturali. L-Aġenzija għandha tippermetti wkoll lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li jsaħħu l-koperazzjoni tagħhom fuq livell Komunitarju u li jipparteçipaw, fuq bażi komuni, fl-eżerçizzju ta' funzjonijiet marbuta mal-Komunità.

- (6) L-Aġenzija għandha tiżgura li l-funzjonijiet regolatorji nazzjonali li jitwettqu mill-awtoritajiet regolatorji skont id-Direttiva 2009/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... [dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku]¹⁺ u d-Direttiva 2009/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... [dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali]²⁺⁺ ikunu kkoordinati sewwa, u fejn meħtieġ, jiġu kkompletati fil-livell Komunitarju. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġu garantiti l-indipendenza tal-Aġenzija mill-produtturi tal-gass u tal-elettriku u l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, kemm jekk pubbliċi jew privati, u l-konsumaturi u li tiġi żgurata l-konformità tal-attività tagħha mal-liġi Komunitarja, il-kapaċità teknika u regolatorja tagħha, kif ukoll it-trasparenza tagħha, is-soġġettibilità tagħha għall-kontroll demokratiku u l-effiċjenza tagħha.
- (7) L-Aġenzija għandha tissorvelja l-koperazzjoni reġjonali bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fis-setturi tal-elettriku u tal-gass kif ukoll fl-eżekuzzjoni tal-kompiti tan-*Network Ewropew għall-Operaturi ta' Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Elettriku* ("l-ENTSO tal-Elettriku"), u n-*Network Ewropew għall-Operaturi ta' Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass* ("ENTSO tal-Gass"). L-involvement tal-Aġenzija huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata li l-koperazzjoni bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tipproċedi b'mod effiċjenti u trasparenti għall-benefiċċju tas-suq intern tal-elettriku u l-gass naturali.

¹ ĠU L ...

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data tad-direttiva li tinsab fid-dokument 3649/09..

² ĠU L ...

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data tad-direttiva li tinsab fid-dokument 3649/09.

- (8) L-Aġenzija għandha timmonitorja, b'koperazzjoni mal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, is-swieq interni tal-elettriku u l-gass naturali u tinforma fejn xieraq lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali dwar ir-riżultati li jinkisbu. Ix-xogħol ta' monitoraġġ tal-Aġenzija m'għandux jirrepeti jew ifixkel monitoraġġ mill-Kummissjoni jew minn awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikulari l-awtoritajiet għall-kompetizzjoni nazzjonali.
- (9) L-Aġenzija għandha rwol importanti fl-iżvilupp ta' Linji Gwida ta' qafas li mhumiex vinkolanti min-natura tagħhom (linji gwida ta' qafas) u magħhom għandhom ikunu konformi l-kodiċijiet tan-network. Huwa wkoll meqjus adegwat u konsistenti mal-fini tagħha, li l-Aġenzija jkollha rwol fir-reviżjoni ta' kodiċijiet tan-network (kemm meta dawn jinħolqu kif ukoll meta jiġu modifikati) sabiex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mal-linji gwida ta' qafas, qabel ma tkun tista' tirrakkomandahom lill-Kummissjoni għall-adozzjoni.
- (10) Huwa xieraq li jiġi pprovdut qafas integrat li fih l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu jistgħu jipparteċipaw u jikkooperaw. Dak il-qafas għandu jiffaċilita l-applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern tal-elettriku u tal-gass naturali madwar il-Komunità kollha. Fir-rigward tas-sitwazzjonijiet li jikkonċernaw aktar minn Stat Membru wieħed, l-Aġenzija għandha tingħata s-setgħa li tadotta deċiżjonijiet individwali. Dik is-setgħa għandha, taħt ċerti kondizzjonijiet, tkopri kwistjonijiet tekniċi, ir-reġim regolatorju għall-infrastruttura tal-elettriku u tal-gass naturali li tikkonnettja jew li tista' tikkonnettja tal-anqas żewġ Stati Membri, u, bħala l-aħħar rimedju, eżenzjonijiet mir-regoli tas-suq intern għal interkonnetturi ġodda tal-elettriku u għall-infrastrutturi ġodda tal-gass li jinsabu f'aktar minn Stat Membru wieħed.

- (11) Ladarba l-Aġenzija għandha kompitu ta' superviżjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandu jkollha rwol ta' konsulenza mal-Kummissjoni, istituzzjonijiet oħra tal-Komunità u awtoritajiet regolatorji nazzjonali dwar il-kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-raġunijiet li għaliha twaqqfet. Din għandha tkun meħtieġa wkoll tinforma lill-Kummissjoni meta ssib li l-koperazzjoni bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ma tipproduċix ir-riżultati meħtieġa jew meta awtorità regolatorja nazzjonali li d-deċiżjoni tagħha tmur kontra l-Linji Gwida ma tikkonformax mal-opinjoni, ir-rakkomandazzjoni jew id-deċiżjoni tal-Aġenzija adegwatament.
- (12) L-Aġenzija għandha wkoll tkun tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet biex tgħin lill-awtoritajiet regolatorji u l-atturi fis-suq jaqsmu bejniethom prassi tajba.
- (13) L-Aġenzija għandha, meta jkun xieraq, tikkonsulta lill-partijiet interessati u tipprovdilhom okkażjoni raġonevoli biex jikkomentaw dwar il-miżuri proposti, bħalma huwa l-abbozz tal-kodiċijiet u r-regoli tan-networks.

- (14) L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi fl-implimentazzjoni tal-linji gwida għan- networks tal-enerġija trans-Ewropej kif stipulat fid-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 li jagħtu linji gwida għan-networks tal-enerġija trans-Ewropej¹, b'mod partikolari meta tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-pjanijiet ta' żvilupp tan-network għal għaxar snin għall-Komunità kollha li ma jorbtux (pjanijiet għall-iżvilupp tan-network għall-Komunità kollha) skont l-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament.
- (15) L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għall-isforzi sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija.
- (16) L-istruttura tal-Aġenzija għandha tiġi adattata sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tar-regolamentazzjoni tal-enerġija. B'mod partikolari, l-irwol speċifiku tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jeħtieġ li jitqies bis-sħiħ u l-indipendenza tagħhom jeħtieġ li tkun garantita.
- (17) Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jkollu s-setgħat meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-implimentazzjoni tiegħu, ifassal regoli interni, jadotta regolamenti finanzjarji u jaħtar Direttur. Għandha tintuża sistema ta' rotazzjoni għat-tiġdid tal-membri tal-Bord tal-Amministrazzjoni li jinħatru mill-Kunsill sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni bilanċjata tal-Istati Membri matul iż-żmien. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jaġixxi b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess pubbliku u m'għandux ifittex jew isegwi istruzzjonijiet politiċi.

¹ ĠU L 262, 22.9.2006, p. 1.

- (18) L-Aġenzija għandu jkollha s-setgħat meħtieġa biex twettaq il-funzzjonijiet regolatorji tagħha b'mod effiċjenti, trasparenti, raġunat u fuq kollox indipendenti. L-indipendenza tal-Aġenzija mill-produtturi tal-elettriku u l-gass u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni mhux biss huwa prinċipju ewlieni ta' governanza tajba, iżda wkoll kundizzjoni fundamentali biex tiġi żgurata l-fiduċja fis-suq. Mingħajr preġudizzju għall-membri tiegħu li jaġixxu f'isem l-awtoritajiet nazzjonali rispettivi tagħhom, il-Bord tar-Regolaturi għandu għalhekk jaġixxi indipendentement minn kull interess tas-suq, jevita konflitti ta' interess u m'għandux ifittex jew isegwi istruzzjonijiet jew jaċċetta rakkomandazzjonijiet minn gvern ta' xi Stat Membru, mill-Kummissjoni jew minn entità pubblika jew privata oħra. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tar-Regolaturi għandhom, fl-istess ħin, jikkonformaw mal-liġi Komunitarja li tirrigwarda l-enerġija, b'has-suq intern tal-enerġija, l-ambjent u l-kompetizzjoni. Il-Bord tar-Regolaturi għandu jirrapporta l-opinjoni, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tiegħu lill-istituzzjonijiet tal-Komunità.
- (19) Fejn l-Aġenzija jkollha s-setgħa sabiex tiegħu deċiżjonijiet, għal finijiet ta' ekonomija proċedurali, il-partijiet interessati għandhom jingħataw id-dritt ta' appell lil Bord tal-Appell, li għandu jkun parti mill-Aġenzija, iżda li jkun indipendenti mill-istruttura amministrattiva u regolatorja tagħha. Fl-interess tal-kontinwità, il-ħatra jew it-tiġdid tal-membri tal-Bord tal-Appell għandha tippermetti li tkun tista' ssir sostituzzjoni parzjali tal-membri ta'dak il-Bord tal-Appell. Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell għandha tkun suġġetta għal appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

- (20) L-Aġenzija għandha tkun iffinanzjata prinċipalment mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, minn tariffi u minn kontributi volontarji. B'mod partikolari, ir-riżorsi li attwalment joffru l-awtoritajiet regolatorji għall-koperazzjoni tagħhom fil-livell Komunitarju għandhom jibqgħu disponibbli għall-Aġenzija. Il-proċedura baġitarja Komunitarja għandha tibqa' applikabbli sakemm tikkonċerna kwalunkwe sussidju li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, l-ivverifikar tal-kontijiet għandu jsir mill-Qorti tal-Awdituri konformement mal-Artikolu 91 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹.
- (21) Wara li tkun ġiet stabbilita l-Aġenzija, il-baġit tagħha għandu jiġi evalwat mill-awtorità baġitarja fuq bażi kontinwa, b'referenza għall-ammont ta' xogħol tal-Aġenzija u l-prestazzjoni tagħha. L-awtorità baġitarja għandha tiżgura li jintlaħqu l-aħjar standards ta' effiċjenza.

¹ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- (22) L-Aġenzija għandu jkollha persunal ta' professjonalità għolja. B'mod partikolari, għandha tgawdi mill-kompetenza u l-esperjenza ta' persunal issekondat mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (ir-Regolamenti tal-Persunal) u l-Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej (il-Kondizzjonijiet tal-impjeg) tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968, ¹, stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/681 u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea għall-iskop tal-applikazzjoni ta' dawk ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija. Il-Bord tal-Amministrazzjoni, bi ftehim mal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni.
- (23) L-Aġenzija għandha tapplika r-regoli ġenerali rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti miżmumin mill-korpi Komunitarji. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jstabilixxi l-miżuri prattiċi sabiex titħares id-data kummerċjalment sensittiva u d-data personali.
- (24) L-Aġenzija għandha tinżamm responabbli vis à vis l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, skont kif ikun xieraq,
- (25) Il-pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħidma tal-Aġenzija b'konformità ma' ftehimiet xierqa li għandhom jiġu konklużi mill-Komunità.
- (26) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/469/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni².

¹ ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

² ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

- (27) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat sabiex tadotta l-Linji Gwida meħtieġa f'sitwazzjonijiet li fihom l-Aġenzija ssir kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar it-termini u l-kondizzjonijiet għall-aċċess u s-sigurtà operattiva tal-infrastruttura transkonfinali. Billi dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (28) Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn tliet snin wara li l-ewwel direttur tal-aġenzija jkun beda/bdiet d-dmirijiet tiegħu/tagħha, u kull erba' snin wara dan, rapport ta' evalwazzjoni dwar il-kompiti speċifiċi tal-Aġenzija u r-risultati miksuba, flimkien ma' proposti xierqa. F'dan ir-rapport il-Kummissjoni għandha tagħmel suġġerimenti dwar kompiti addizzjonali għall-Aġenzija.
- (29) Ladarba l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-parteċipazzjoni u l-koperazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fil-livell Komunitarju, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi.

KAPITOLU I

Stabbiliment u status legali

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("l-Aġenzija").
2. L-għan tal-Aġenzija għandu jkun li tgħin lill-awtoritajiet regolatorji msemmija fl-Artikolu 35 tad-Direttiva 2009/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku¹⁺ u l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2009/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali²⁺⁺ fl-eżerċizzju fil-livell Komunitarju tal-kompiti regolatorji mwettqa fl-Istati Membri u, fejn ikun meħtieġ, li tikkoordina l-azzjonijiet tagħhom.
3. Sa meta titlesta s-sede tal-Aġenzija, din għandha tiġi ospitata fil-bini tal-Kummissjoni.

¹ ĠU L ...

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3648/09.

² ĠU L ...

⁺⁺ PU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3649/09.

Artikolu 2 Status legali

1. L-Aġenzija għandha tkun entità Komunitarja b'personalità ġuridika.
2. F'kull wieħed mill-Istati Membri, l-Aġenzija għandu jkollha l-kapaċità ġuridika l-aktar wiesgħa li tista' tingħata lil persuni ġuridiċi li jaqgħu taħt il-liġijiet nazzjonali tagħhom. Tista', b'mod partikolari, takkwista jew tiddisponi minn propjeta' mobbli jew immobbli u tkun parti fi proċeduri legali.
3. L-Aġenzija għandha tkun rappreżentata mid-Direttur tagħha.

Artikolu 3 Kompożizzjoni

L-Aġenzija għandha tkun magħmula minn:

- (a) Bord tal-Amministrazzjoni, li għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 13;
- (b) Bord ta' Regolaturi, li għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 15;
- (c) Direttur, li għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 17; u
- (d) Bord tal-Appell, li għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 19.

Artikolu 4
Tip ta' ħidma tal-Aġenzija

L-Aġenzija għandha:

- (a) tagħti opinjonijiet u tagħmel rakkomandazzjonijiet indirizzati lil operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni;
- (b) tagħti opinjonijiet u tagħmel rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-awtoritajiet regolatorji;
- (c) toħroġ opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, jew lill-Kummissjoni;
- (d) tieħu d-deċizzjonijiet individwali f'każijiet speċifiċi kif jissewma fl-Artikoli 7, 8 u 9; u
- (e) tissottometti lill-Kummissjoni linji gwida li fin-natura tagħhom ma jkunux vinkolanti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "linji gwida ta' qafas" skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru.../2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... [dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-iskambji transkonfinali tal-elettriku]¹⁺ u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru.../2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... [dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali]²⁺⁺,

¹ ĠU L ...

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal in-numru u d-data tar-Regolament li jinsab fid-dok. 3651/09.

² ĠU L ...

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal in-numru u d-data tar-Regolament li jinsab fid-dok. 3652/09.

KAPITOLU II

Kompiti

Artikolu 5 Ħidmiet ġenerali

L-Aġenzija tista', fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tipprovdi opinjoni jew rakkomandazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-iskop li għet stabbilita għalih.

Artikolu 6 Kompiti fir-rigward tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni

1. L-Aġenzija għandha tagħti opinjoni lill-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' statuti, il-lista ta' membri u l-abbozz tar-regoli ta' proċedura tal-ENTSO tal-Elettriku b'konformità mal-Artikoli 5(2) tar-Regolament (KE) Nru .../2009⁺ u dawk tal-ENTSO tal-Gass b'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru .../2009⁺⁺.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dok. 3651/09.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dok. 3652/09.

2. L-Aġenzija għandha tissorvelja t-twettiq tal-kompiti tal-ENTSO tal-Elettriku skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru .../2009⁺ kif ukoll tal-ENTSO tal-Gass skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru .../2009⁺⁺.
3. L-Aġenzija għandha tipprovdi opinjoni:
 - (a) lill-ENTSO tal-Elettriku skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru .../2009 + kif ukoll lill-ENTSO tal-Gass skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru .../2009⁺⁺dwar il-kodiċijiet tan-network; kif ukoll
 - (b) lill-ENTSO tal-Elettriku skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru/2009 + kif ukoll lill-ENTSO tal-Gass skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru .../2009⁺⁺dwar l-abbozz ta' programm annwali ta' xogħol, u l-abbozz tal-pjan ta' żvilupp tan-network għall-Komunita' kollha u d-dokumenti rilevanti l-oħra li jirreferi għalihom l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru.../2009+ u l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru .../2009⁺⁺, fil-waqt li jitqiesu l-għanijiet ta' non-diskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament effiċjenti u sikur tas-suq intern tal-elettriku u tal-gass naturali.

4. L-Aġenzija għandha, abbażi tal-fatti, tipprovdi opinjoni ġustifikata kif xieraq kif ukoll rakkomandazzjonijiet lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fejn hija tqis li l-abbozz ta' programm ta' ħidma annwali jew l-abbozz tal-pjan ta' żvilupp tan-network għall-Komunita' kollha ppreżentat lilha b'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru ... 2009⁺ u mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru ...2009⁺⁺ ma jikkontribwixxux għan-nondiskriminazzjoni, għall-kompetizzjoni effettiva u għall-funzjonament effiċjenti tas-suq jew għal livell suffiċjenti ta' interkonnnessjoni transkonfinali miftuħa għall-aċċess ta' partijiet terzi, jew mhumiex f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2009/.../KE⁺⁺⁺ u tar-Regolament (KE) Nru.../2009+ jew tad-Direttiva 2009/.../KE⁺⁺⁺⁺ u tar-Regolament (KE) Nru.../2009++.

L-Aġenzija għandha tipparteċipa fl-iżvilupp ta' kodiċi għan-networks skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru.../2009++ u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru.../2009 [dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali⁺⁺].

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid dok. 3651/09.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid dok. 3652/09.

⁺⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-direttiva li tinsab fid dok. 3648/09.

⁺⁺⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-direttiva li tinsab fid dok. 3649/09.

L-Aġenzija għandha tissottometti lill-Kummissjoni linji gwida ta' qafas mhux vinkolanti skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru.../2009 + jew l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru.../2009++. L-Aġenzija għandha tirrevedi l-linji gwida ta' qafas u meta tintalab tissottomettih lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru.../2009+ jew l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru.../2009++.

L-Aġenzija għandha tippreżenta opinjoni ġustifikata lill-ENTSO tal-Elettriku jew lill-ENTSO tal-Gass dwar il-kodiċi għan-networks skont l-Artikolu 6(7) tar-Regolament (KE) Nru.../2009+ jew l-Artikolu 6(7) tar-Regolament (KE) Nru.../2009++.

L-Aġenzija għandha tissottometti lill-Kummissjoni l-kodiċi għan-network u tista' tirrakkomanda li dan jiġi adottat skont l-Artikolu 6(9) tar-Regolament (KE) Nru.../2009 + u l-Artikolu 6(9) tar-Regolament (KE) Nru.../2009++. L-Aġenzija għandha meta tintalab tipprepara u tissottometti lill-Kummissjoni abbozz ta' kodiċi għan-network skont l-Artikolu 6(10) tar-Regolament (KE) Nru.../2009+ jew l-Artikolu 6(10) tar-Regolament (KE) Nru.../2009++.

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid-dok. 3651/09.

++ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid-dok. 3652/09.

5. L-Aġenzija għandha ttiprovdi opinjoni debitament raġunata lill-Kummissjoni, b'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru .../2009+ jew l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru .../2009++ , fejn l-ENTSO tal-Elettriku jew l-ENTSO tal-Gass ikun naqas milli jimplementa kodiċi tan-network imfassal b'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru .../2009+ jew l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru .../2009++ jew kodiċi tan-network li jkun ġie stabbilit b'konformità mal-Artikolu 6(1) sa (10) ta' dawk ir-Regolamenti iżda li ma ġiex adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 6(11) ta' dawk ir-Regolamenti.
6. L-Aġenzija għandha tissorvelja u tanalizza l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-network u tal-Linji Gwida adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 6(11) tar-Regolament (KE) Nru .../2009+ u fl-Artikolu 6(11) tar-Regolament (KE) Nru .../2009++ u l-effett tagħhom fuq l-armonizzazzjoni ta' regoli applikabbli maħsuba sabiex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tas-suq kif ukoll fuq in-nondiskriminazzjoni, fuq il-kompetizzjoni effettiva u fuq il-funzjonament effiċjenti tas-suq, u tirrapporta lill-Kummissjoni.
7. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' proġetti sabiex tinħoloq kapaċità ta' interkonnetturi.

8. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network għall-Komunità kollha. Jekk issib inkonsistenzi bejn pjan bħal dan u l-implimentazzjoni tiegħu, hija għandha tinvestiga r-raġunijiet ta' dawk l-inkonsistenzi u tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-operaturi tas-sistema ta' trażmizzjoni konċernati, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew entitajiet kompetenti oħrajn konċernati bl-iskop li jiġu implimentati l-investimenti skont il-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network għall-Komunità kollha.
9. L-Aġenzija għandha tissorvelja l-koperazzjoni reġjonali tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru .../2009⁺ u fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru .../2009⁺⁺ u tiegħu l-kont dovut tal-eżitu ta' dik il-koperazzjoni meta tkun qed tiffurmula l-opinjoni, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħha.

Artikolu 7

Kompiti marbutin mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali

1. L-Aġenzija għandha tadotta deċiżjonijiet individwali dwar kwistjonijiet tekniċi fejn dawn id-deċiżjonijiet huma previsti fid-Direttiva 2009/.../KE[♦], fid-Direttiva 2009/.../KE^{♦♦}, fir-Regolament (KE) Nru .../2009⁺ jew fir-Regolament (KE) Nru .../2009⁺⁺.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid-dok. 3651/09.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid-dok. 3652/09.

[♦] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3648/09.

^{♦♦} ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3649/09.

2. Skont il-programm ta' ħidma tagħha, jew fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex jgħinu lill-awtoritajiet regolatorji u l-atturi fis-suq jaqsmu bejniethom prassi tajba.
3. L-Aġenzija għandha ttiprovdi qafas li fih ikunu jistgħu jikkoperaw l-awtoritajiet regolaturi nazzjonali. Hija għandha tippromwovi koperazzjoni fost l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u fost l-awtoritajiet regolatorji fil-livell reġjonali u Komunitarju, u tiegħu l-kont dovut tal-eżitu ta' din il-koperazzjoni meta tkun qed tifformula l-opinjoni, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħha. Fejn tqis li jkun meħtieġa regoli li jorbtu dwar tali koperazzjoni, l-Aġenzija għandha tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa lill-Kummissjoni.
4. Fuq talba ta' kwalunkwe awtorità regolatorja nazzjonali jew fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tagħti opinjoni, ibbażata fuq il-fatti, rigward il-konformità ta' deċiżjoni meħuda minn awtorità regolatorja mal-Linji Gwida msemmija fid-Direttiva 2009/.../KE[♠], fid-Direttiva 2009/.../KE^{♠♠}, fir-Regolament (KE) Nru.../ 2009+ jew fir-Regolament (KE) Nru.../ 2009++ jew f'dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn ta' dawn id-Direttivi jew Regolamenti.

[♠] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3648/09.
^{♠♠} ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3649/09.
⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid-dok. 3651/09.
⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid-dok. 3652/09

5. Fejn l-awtorità regolatorja nazzjonali ma tikkonformax mal-opinjoni tal-Aġenzija kif imsemmi fil-paragrafu 4, fi żmien erba' xhur minn meta tirċeviha, l-Aġenzija għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru konċernat b' dan.
6. Meta awtorità regolatorja nazzjonali, f'xi każ speċifiku, tiltaqa' ma' xi diffikulta fl-applikazzjoni tal-Linji Gwida fid-Direttiva 2009/.../KE[♦], fid-Direttiva 2009/.../KE^{♦♦}, fir-Regolament (KE) Nru.../ 2009⁺ jew ir-Regolament (KE) Nru.../ 2009⁺⁺, hija tkun tista' titlob l-opinjoni tal-Aġenzija. L-Aġenzija għandha tagħti l-opinjoni tagħha, wara li tikkonsulta mal-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi talba bħal din.
7. L-Aġenzija għandha tiddeċiedi dwar it-termini u l-kondizzjonijiet għal aċċess u s-sigurtà operattiva għall-infrastruttura tal-elettriku u tal-gass li tikkollega jew li tista' tikkollega tal-anqas żewġ Stati Membri, (infrastruttura transkonfinali), konformement mal-Artikolu 8.

♦ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3648/09.

♦♦ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3649/09.

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid-dok. 3651/09.

++ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid-dok. 3652/09.

Artikolu 8

Kompiti rigward termini u kundizzjonijiet għall-aċċess u s-sigurtà operattiva tal-infrastruttura transkonfinali

1. Għall-infrastruttura transkonfinali, l-Aġenzija għandha tiddeċiedi dwar dawk il-kwistjonijiet regolatorji li jaqgħu fil-kompetenza ta' awtoritajiet regolatorji nazzjonali, li jistgħu jinkludu t-termini u l-kundizzjonijiet għal aċċess u s-sigurtà operattiva, biss:
 - (a) meta l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti ma jkunx irnexxielhom jilħqu ftehim fi żmien sitt xhur mill-jum li fih il-każ ġie riferut lill-aħħar waħda minn dawk l-awtoritajiet regolatorji; jew
 - (b) fuq talba konġunta mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti.

L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti jistgħu jitolbu, b'mod konġunt, li l-perjodu msemmi fil-punt (a) jiġi estiż b'perjodu sa sitt xhur.

Meta tkun qed tipprepara d-deċiżjoni tagħha, l-Aġenzija għandha tikkonsulta l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni konċernati u għandha tkun informata dwar il-proposti u l-osservazzjonijiet tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni kollha konċernati.

2. It-termini u l-kondizzjonijiet għall-infrastruttura transkonfinali għandhom jinkludu:
 - (a) proċedura għall-allokazzjoni tal-kapaċitajiet;
 - (b) termini ta' żmien għall-allokazzjoni;
 - (c) qsim tad-dħul mill-konġestjoni; u
 - (d) drittijiet imposti fuq l-utenti tal-infrastruttura msemmija fl-Artikolu 17(1(d)) tar-Regolament (KE) Nru .../2009 ++jew fl-Artikolu 36(1)(d) tad-Direttiva 2009/...KE♠+.

3. Fejn każ ikun ġie riferut għall-Aġenzija taħt il-paragrafu 1, l-Aġenzija:
 - (a) għandha ttiprovdi d-deċiżjonijiet tagħha fi żmien sitt xhur wara r-riferiment; u
 - (b) tista', jekk ikun meħtieġ, ttiprovdi deċiżjoni interim sabiex tiżgura li s-sigurtà tal-provvista jew is-sigurtà operattiva għall-infrastruttura in kwistjoni tiġi protetta.

+ ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dok. 3651/09.

♠ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3649/09.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta Linji Gwida dwar is-sitwazzjonijiet li fihom l-Aġenzija ssir kompetenti li tiddeċiedi dwar it-termini u l-kondizzjonijiet għal aċċess u s-sigurtà operattiva għall-infrastruttura transkonfinali. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 32(2) ta' dan ir-Regolament.
5. Fejn il-kwistjonijiet regolatorji li jirreferi għalihom il-paragrafu 1 jinkludu eżenzjonijiet fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru .../2009 + jew tal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/...KE⁺ + l-iskadenzi stipulati f'dan ir-Regolament m'għandhomx jiġu kumulati mal-iskadenzi stipulati f'dawk id-dispożizzjonijiet.

Artikolu 9 Kompiti oħrajn

1. L-Aġenzija tista', tiddeċiedi dwar eżenzjonijiet, kif previst fl-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru .../2009+. L-Aġenzija tista' wkoll tiddeċiedi dwar eżenzjonijiet kif previst fl-Artikolu 36(4) tad-Direttiva 2009/...KE⁺ + meta l-infrastruttura konċernata tkun tinsab fit-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dok. 3651/09.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3649/09.

2. Fuq talba mill-Kummissjoni konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru ... /2009⁺ jew mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru ...2009⁺⁺ l-Aġenzija għandha tipprovdi opinjoni dwar deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali dwar iċ-ċertifikazzjoni.

L-Aġenzija tista', f'ċirkustanzi definiti ċari mill-Kummissjoni fil-Linji Gwida adottati skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru.../2009 + jew fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru.../2009++, u dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-raġunijiet li għaliha twaqqfet, tingħata kompiti addizzjonali li ma jinvolvux setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid-dok. 3651/09.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid-dok. 3652/09.

Artikolu 10 Konsultazzjonijiet u trasparenza

1. Fit-twertiq tal-kompiti tagħha, b'mod partikolari fil-proċess ta' żvilupp ta' linji gwida ta' qafas skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru .../2009 + jew l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru.../2009 ++ u fil-proċess ta' proposti għal emendi tal-kodiċi tan-netwerk taħt l-Artikolu 7 ta' wieħed jew l-ieħor minn dawk ir-Regolamenti, l-Aġenzija għandha tikkonsulta b'mod estensiv u fi stadju bikri l-parteċipanti tas-suq, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, il-konsumaturi, l-utenti finali u, fejn rilevanti, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, mingħajr ħsara għall-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'mod miftuħ u trasparenti, b'mod partikolari meta l-kompiti tagħha jikkonċernaw l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni.
2. L-Aġenzija għandha tiżgura li l-pubbliku u l-partijiet kollha interessati jingħataw informazzjoni oġġettiva, affidabbli u aċċessibbli faċilment, b'mod partikolari rigward ir-riżultati tal-ħidma tagħha, fejn ikun xieraq.

Id-dokumenti u l-minuti kollha tal-laqgħat ta' konsultazzjoni li jsiru matul l-iżvilupp tal-linji gwida ta' qafas skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru .../2009 + jew l-Artikolu 6 tar-Regolament+++ jew matul l-emenda tal-kodiċijiet tan-netwerk taħt l-Artikolu 7 ta' wieħed jew l-ieħor minn dawk ir-Regolamenti, għandhom ikunu pubbliċi.

3. Qabel jiġu adottati l-linji gwida ta' qafas skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru .../2009⁺ jew l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE Nru .../2009⁺⁺ + jew proposti għal emendi tal-kodiċijiet tan-netwerk taħt l-Artikolu 7 ta' wieħed jew l-ieħor minn dawk ir-Regolamenti, l-Aġenzija għandha tindika kif ittieħed kont tal-osservazzjonijiet li rċeviet matul il-konsultazzjoni u tagħti r-raġunijiet għal dawk l-osservazzjonijiet li ma ġewx segwiti.
4. L-Aġenzija għandha tippubblika fil-websajt tagħha, għall-inqas l-aġenda, id-dokumenti preparatorji, u fejn ikun xieraq, il-minuti tal-laqgħat tal-Bord Amministrattiv, tal-Bord tar-Regolaturi u tal-Bord tal-Appell.

Artikolu 11
Monitoraġġ u rappurtar dwar is-setturi tal-elettriku
u tal-gass naturali

1. L-Aġenzija, b'kopereazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inklużi l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u bla ħsara għall-kompetenzi tal-awtoritajiet għall-kompetizzjoni, għandha timmonitorja s-swieq interni tal-elettriku u tal-gass naturali, b'mod partikulari l-prezzijiet bl-immnut tal-elettriku u tal-gass naturali aċċess għan-network inkluż l-aċċess għal elettriku li jkun prodott minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, u konformità mad-drittijiet tal-klijenti stipulati fid-Direttiva 2009/...KE* u d-Direttiva 2009/...KE⁺⁺⁺.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid-dok. 3651/09.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal in-numru tar-regolament li jinsab fid-dok. 3652/09.

* ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal in-numru tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3648/09.

** ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal in-numru tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3649/09.

2. L-Aġenzija għandha tippubblika rapport annwali dwar ir-riżultati tal-attività ta' monitoraġġ tagħha previsiti f'paragrafu 1. F'dan ir-rapport hija għandha tidentifika kwalunkwe ostaklu għat-tlestija tas-swieq interni fl-elettriku u l-gass naturali.
3. Meta tippubblika r-rapport annwali tagħha l-Aġenzija tista' tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni opinjoni dwar il-miżuri li jistgħu jittieħdu biex jitneħħew l-ostakoli li jirreferi għalihom il-paragrafu 2.

KAPITOLU III Organizzazzjoni

Artikolu 12 Bord tal-Amministrazzjoni

1. Il-Bord tal-Amministrazzjoni huwa magħmul minn disa' membri. Kull membru għandu jkollu supplenti. Żewġ membri u s-sostituti tagħhom jinħatru mill-Kummissjoni, żewġ membri u s-sostituti tagħhom għandhom jinħatru mill-Parlament Ewropew u ħames membri u s-supplenti tagħhom għandhom jinħatru mill-Kunsill. L-ebda Membru tal-Parlament Ewropew m'għandu jkun membru tal-Bord Amministrattiv. Il-mandat tal-membri tal-Bord Amministrattiv u s-supplenti tagħhom għandu jkun ta' erba' snin, li jista' jiġġedded darba. Għall-ewwel mandat, iż-żmien għandu jkun ta' sitt snin għal nofs il-membri u s-supplenti tagħhom.

2. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jaħtar il-President u l-Viċi President mill-membri tiegħu. Il-Viċi President għandu awtomatikament jieħu post il-President jekk dan ma jkunx f'qagħda li jaqdi dmirijietu. Il-mandat tal-President u tal-Viċi President għandu jkun ta' sentejn, u jista' jiġġedded darba. Il-mandat tal-President u dak tal-Viċi President għandhom jiskadu malli ma jibqgħux membri tal-Bord tal-Amministrazzjoni.
3. Il-laqgħat tal-Bord tal-Amministrazzjoni għandhom jissejġu mill-President tiegħu. Il-President tal-Bord tar-Regolaturi, jew il-persuna nominata tal-Bord ta' Regolaturi, u d-Direttur għandhom jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet, mingħajr dritt għall-vot, sakemm il-Bord tal-Amministrazzjoni ma jiddeċidix mod ieħor fir-rigward tad-Direttur. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jiltaqa' tal-anqas darbtejn fis-sena f'sessjoni ordinarja. Għandu jiltaqa' wkoll fuq l-inizjattiva tal-President tiegħu, fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea jew fuq talba ta' għall-inqas terz mill-membri tiegħu. Il-Bord tal-Amministrazzjoni jista' jistieden lil kwalunkwe persuna b'opinjonijiet li jistgħu jkunu rilevanti sabiex tattendi l-laqgħat bħala osservatur. Il-membri tal-Bord tal-Amministrazzjoni jistgħu, soġġett għar-regoli ta' proċedura tiegħu, jingħataw għajna minn konsulenti jew esperti. Is-servizzi segretarjali tal-Bord tal-Amministrazzjoni għandhom jiġu pprovduti mill-Aġenzija.
4. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Amministrazzjoni għandhom ikunu adottati fuq il-bażi ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti, sakemm dan ir-Regolament ma jipprevedix mod ieħor. Kull membru tal-Bord Amministrattiv jew is-supplenti tiegħu għandu jkollu vot wieħed.

5. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistipulaw b'aktar dettalji:
 - (a) l-arranġamenti li jirregolaw il-votazzjoni, partikolarment il-kondizzjonijiet li fuq il-bażi ta' tagħhom membru jista' jaġixxi f'isem membru ieħor, kif ukoll, fejn xieraq, ir-regoli rigward il-kworum; u
 - (b) l-arranġamenti li jirregolaw ir-rotazzjoni applikabbli għat-tiġdid tal-membri tal-Bord tal-Amministrazzjoni li jiġu maħtura mill-Kunsill sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni bbilanċjata tal-Istati Membri matul iż-żmien.
6. Membru tal-Bord tal-Amministrazzjoni ma għandux ikun membru tal-Bord tar-Regolaturi.
7. Il-membri tal-Bord tal-Amministrazzjoni għandhom jintrabtu li jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess pubbliku, mingħajr ma jfittxu jew isegwu istruzzjonijiet politiċi. Għal dan il-għan, kull membru għandu jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-impenji u dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-interessi li jindikaw jew in-nuqqas ta' kull interess li jista' jiġi meqjus li jippreġudika l-indipendenza tiegħu jew kull interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tiegħu. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru pubbliċi, ta' kull sena.

Artikolu 13
Il-Kompiti tal-Bord tal-Amministrazzjoni

1. Il-Bord tal-Amministrazzjoni, wara li jkun ikkonsulta l-Bord tar-Regolaturi u kiseb l-opinjoni favorevoli tiegħu konformement mal-Artikolu 15(2), għandu jaħtar id-Direttur konformement mal-Artikolu 16(2).
2. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jaħtar formalment lill-membri tal-Bord tar-Regolaturi konformement mal-Artikolu 14(1).
3. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jaħtar formalment lill-membri tal-Bord tal-Appell konformement mal-Artikolu 18(1) u (2).
4. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jiżgura li l-Aġenzija twettaq il-missjoni tagħha u twettaq il-kompiti assenjati lilha skont dan ir-Regolament.
5. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta, qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena, wara li jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni u li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Bord tar-Regolaturi, b'konformità mal-Artikolu 15(3), il-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għas-sena ta' wara, u għandu jgħaddih lill-Parlament Ewopew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Il-programm ta' ħidma għandu jġi adottat mingħajr preġudizzju għall-proċedura baġitarja annwali u għandu jsir pubbliku.

6. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta u, jekk meħtieġ, jirrivedi programm pluriennali. Dik ir-reviżjoni għandha tkun ibbażata fuq rapport ta' evalwazzjoni, magħmul minn espert estern indipendenti fuq talba tal-Bord tal-Amministrazzjoni. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu pubbliċi.
7. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jeżerċita s-setgħat baġitarji tiegħu konformement mal-Artikoli 21 sa 24.
8. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jiddeċiedi, wara li jkun kiseb il-qbil tal-Kummissjoni, jekk għandux jaċċetta legati, donazzjonijiet jew għotjiet minn sorsi Komunitarji oħra jew kwalunkwe kontribuzzjoni volontarja mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet regolatorji. L-opinjoni li l-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jagħti konformement mal-Artikolu 24(5) għandha tindirizza espliċitament is-sorsi ta' finanzjament imniżżla f'dan il-paragrafu.
9. Il-Bord tal-Amministrazzjoni, f'konsultazzjoni mal-Bord tar-Regolaturi, għandu jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur.
10. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jfassal, fejn meħtieġ, ir-regoli ta' implimentazzjoni tal-Aġenzija li japplikaw ir-regoli tal-persunal konformement mal-Artikolu 28(2).
11. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta miżuri prattiċi rigward id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-Aġenzija, konformement mal-Artikolu 30.

12. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta u jippubblika r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija abbażi tal-abbozz tar-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 17(8) u sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena għandu jibgħat dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Dan ir-rapport dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija għandu jkun fih sezzjoni indipendenti, approvata mill-Bord tar-Regolaturi, dwar l-attivitajiet regolatorji tal-Aġenzija matul is-sena konċernata.
13. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta u jippubblika r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 14 Il-Bord tar-Regolaturi

1. Il-Bord tar-Regolaturi għandu jinkludi:
 - (a) rappreżentanti għoljjin tal-awtoritajiet regolatorji, skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2009/...KE[▲] u fl-Artikolu 39(1) tad-Direttiva 2009/...KE^{▲▲} u supplenti minn kull Stat Membru minn fost il-persunal anzjan attwali ta' dawn l-awtoritajiet;
 - (b) rappreżentant tal-Kummissjoni li ma jkollux dritt tal-vot.

Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru biss mill-awtorità regolatorja nazzjonali jista' jidħol fil-Bord tar-Regolaturi.

[▲] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3648/09.

^{▲▲} ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data tad-direttiva li tinsab fid-dok. 3649/09.

Kull awtorità regolatorja nazzjonali għandha tkun responsabbli għan-nomina ta' supplent minn fost il-persunal kurrenti tal-awtorità regolatorja nazzjonali.

2. Il-Bord tar-Regolaturi għandu jeleġġi President u Viċi President mill-membri tiegħu. Il-Viċi President għandu jieħu post il-President jekk dan ma jkunx/ma tkunx f'qagħda li jwettaq il-kompiti tiegħu. Il-mandat tal-President u tal-Viċi President għandu jkun ta' sentejn u nofs, u jista' jiġġedded. Madankollu, fi kwalunkwe każ, il-mandat tal-President u dak tal-Viċi President għandhom jiskadu malli ma jibqgħux membri tal-Bord tar-Regolaturi.
3. Il-Bord tar-Regolaturi għandu jaġixxi b' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti tiegħu. Kull membru jew supplenti għandu jkollu vot wieħed.
4. Il-Bord tar-Regolaturi għandu jadotta u jippubblika r-regoli ta' proċeduri tiegħu li għandhom jistabbilixxu b'aktar dettalji l-arranġamenti li jirregolaw il-votazzjoni, b'mod partikolari l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom membru wieħed jista' jaġixxi f'isem ieħor u anki, fejn ikun xieraq, ir-regoli li jirregolaw il-kwורים. Ir-regoli ta' proċedura jistgħu jipprevedu metodi ta' ħidma għall-konsiderazzjoni ta' kwistjonijiet li jqumu fil-kuntest ta' inizjattivi ta' koperazzjoni reġjonali.
5. Fit-twertiq tal-kompiti mogħtija lilu b'dan ir-Regolament, u mingħajr preġudizzju għall-membri tiegħu li jaġixxu f'isem l-awtorità regolatorja rispettiva tagħhom, il-Bord tar-Regolaturi għandu jaġixxi b'mod indipendenti u m'għandu jfittex jew jaċċetta istruzzjonijiet minn ebda gvern ta' xi Stat Membru, mill-Kummissjoni, jew minn xi entità pubblika jew privata oħra.

6. Is-servizzi segretarjali tal-Bord tar-Regolaturi għandhom jiġu pprovduti mill-Aġenzija.

Artikolu 15 Kompiti tal-Bord tar-Regolaturi

1. Il-Bord tar-Regolaturi għandu jipprovdi opinjoni lid-Direttur dwar l-opinjoni, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 5, 6, 7, 8 u 9 li huma kkunsidrati għall-adozzjoni. Barra minn hekk, il-Bord tar-Regolaturi, fl-ambitu tal-kompetenza tiegħu, għandu jservi ta' gwida lid-Direttur fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.
2. Il-Bord tar-Regolaturi għandu jagħti opinjoni lill-Bord tal-Amministrazzjoni dwar il-kandidat li jkun se jinħatar bħala Direttur konformement mal-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 16(2). Il-Bord tar-Regolaturi għandu jasal għal dik id-deċiżjoni abbażi ta' maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tiegħu.
3. B'konformità mal-Artikolu 13(5) u l-Artikolu 17(6) u mal-abbozz preliminari tal-baġit stabbilit skont l-Artikolu 23(1), il-Bord tar-Regolaturi għandu japprova l-programm ta' ħidma għall-Aġenzija għas-sena li ġejja u qabel l-1 ta' Settembru ta' kull sena, jippreżentah għall-adozzjoni mill-Bord tal-Amministrazzjoni.
4. Il-Bord tar-Regolaturi għandu japprova t-taqsimha indipendenti tar-rapport annwali rigward l-attivitajiet regolatorji, skont l-Artikolu 13(12) u fl-Artikolu 17(8).
5. Il-Parlament Ewropew jista' jistieden, filwaqt li jirrispetta l-indipendenza tiegħu/, liċ-chairman tal-Bord tar-Regolaturi, jew lid-deputat tiegħu/tagħha, biex jagħmel stqarrija quddiem il-kumitat kompetenti tiegħu u biex iwieġeb il-mistoqsijiet li jkunu saru mill-membri ta' dan il-kumitat.

Artikolu 16 Id-Direttur

1. L-Aġenzija għandha titmexxa mid-Direttur tagħha, li għandu jaġixxi skont il-gwida msemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 15(1) u, fejn previst f'dan ir-Regolament, l-opinjoni tal-Bord tar-Regolaturi. Mingħajr preġudizzju għall-irwoli rispettivi tal-Bord tal-Amministrazzjoni u tal-Bord tar-Regolaturi fir-rigward tal-kompiti tad-Direttur, id-Direttur m'għandu jfittex jew jaċċetta istruzzjonijiet minn ebda gvern, mill-Kummissjoni, jew minn xi entità pubblika jew privata oħra.
2. Id-Direttur għandu jinħatar mill-Bord tal-Amministrazzjoni wara l-opinjoni favorevoli tal-Bord tar-Regolaturi, abbażi tal-mertu kif ukoll tal-ħiliet u tal-esperjenza relevanti mis-settur tal-enerġija minn lista ta' mill-anqas tliet kandidati proposti mill-Kummissjoni, u wara li tkun saret sejħa pubblika għal espressjoni ta' interess. Qabel ma jinħatar, il-kandidat magħżul mill-Bord tal-Amministrazzjoni jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu.
3. Il-mandat tad-Direttur għandu jkun ta' ħames snin. Matul id-disa' xhur qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni. Fl-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod partikolari:
 - (a) il-prestazzjoni tad-Direttur;
 - (b) id-dmirijiet u r-rekwiżiti tal-Aġenzija fis-snin li ġejjin.

Il-valutazzjoni rigward il-punt (b) għandha titwettaq bl-assistenza ta' esperti esterni indipendenti.

4. Il-Bord tal-Amministrazzjoni, filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, wara li jkun ikkonsulta u ta l-akbar konsiderazzjoni għall-valutazzjoni u l-opinjoni tal-Bord tar-Regolaturi dwar dik il-valutazzjoni u f'dawk il-każijiet biss fejn ikun iġġustifikat mid-dmirijiet u r-rekwiżiti tal-Aġenzija, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur darba sa mhux aktar minn tliet snin.
5. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur. Fi żmien xahar qabel l-estensjoni tal-mandat tiegħu, id-Direttur jista' jiġi mistieden jaġmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament u jwieġeb mistoqsijiet li jaġmlulu l-membri ta' dak il-kumitat.
6. Jekk il-mandat tiegħu ma jiġix estiż, id-Direttur għandu jibqa' fil-kariga sal-ħatra tas-suċċessur tiegħu.
7. Id-Direttur jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu biss permezz ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Amministrazzjoni, wara li dan ikun kiseb l-opinjoni favorevoli tal-Bord tar-Regolaturi. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jilħaq din id-deċiżjoni abbażi ta' maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tiegħu.
8. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jitolbu d-Direttur iressaq rapport dwar il-qadi ta' dmirijietu. Il-Parlament Ewropew jista' wkoll jistieden lid-Direttur biex jaġmel stqarrija quddiem il-kumitat kompetenti tagħha u jwieġeb il-mistoqsijiet li jkunu saru mill-membri ta' dak il-kumitat.

Artikolu 17
Il-Kompiti tad-Direttur

1. Id-Direttur għandu jirrappreżenta lill-Aġenzija, u għandu jkun responsabbli mit-tmexxija tagħha.
2. Id-Direttur għandu jħejji l-ħidma tal-Bord tal-Amministrazzjoni. Hu għandu jagħti sehem fil-ħidma tal-Bord tal-Amministrazzjoni, mingħajr ma jkollu dritt għall-vot.
3. Id-Direttur għandu jadotta u jippubblika l-opinjoni, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 5, 6, 7, 8 u 9, li jkunu kisbu l-opinjoni favorevoli tal-Bord tar-Regolaturi.
4. Id-Direttur għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija, taħt il-gwida tal-Bord tar-Regolaturi u taħt il-kontroll amministrattiv tal-Bord tal-Amministrazzjoni.
5. Id-Direttur għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni ta' istruzzjonijiet amministrattivi interni u ta' notifiċi ta' publikazzjoni, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Aġenzija skont dan ir-Regolament.
6. Kull sena d-Direttur għandu jħejji l-abbozz tal-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għas-sena ta' wara, u għandu jippreżentah lill-Bord tar-Regolaturi, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju ta' dik is-sena.

7. Id-Direttur għandu jagħmel abbozz preliminari tal-baġit tal-Aġenzija konformement mal-Artikolu 23(1), u għandu jimplementa l-baġit tal-Aġenzija konformement mal-Artikolu 24.
8. Kull sena d-Direttur għandu jħejji l-abbozz tar-rapport annwali li għandu jkun fih taqsima indipendenti dwar l-attivitajiet regolatorji tal-Aġenzija, kif ukoll taqsima dwar kwistjonijiet finanzjarji u amministrattivi.
9. Rigward il-persunal tal-Aġenzija, id-Direttur għandu jeżerċita s-setgħat li hemm dispożizzjoni għalihom fl-Artikolu 28(3).

Artikolu 18 Il-Bord tal-Appell

1. Il-Bord tal-Appell għandu jinkludi sitt membri u sitt sostituti, magħżula minn fost persunal fi gradi għolja, attwali jew tal-passat, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jew istituzzjonijiet nazzjonali jew Komunitarji oħra, b'esperjenza rilevanti fis-settur tal-enerġija. Il-Bord tal-Appell għandu jaħtar il-President tiegħu. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell għandhom jiġu adottati abbażi ta' maġġoranza kkwalifikata ta' mill-inqas erbgħa mis-sitt membri tiegħu. Il-Bord tal-Appell għandu jiltaqa' meta jkun meħtieġ.
2. Il-membri tal-Bord tal-Appell għandhom jinħatru formalment mill-Bord tal-Amministrazzjoni, fuq proposta tal-Kummissjoni, wara sejħa pubblika għal espressjoni ta' interess, u wara konsultazzjoni mal-Bord tar-Regolaturi.

3. Il-mandat tal-membri tal-Bord tal-Appell għandu jkun ta' ħames snin. Dak il-mandat għandu jkun jista' jiġġedded. Il-membri tal-Bord tal-Appell għandhom jaġixxu b'mod indipendenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Huma ma għandhomx ikunu marbutin b'ebda istruzzjoni. Ma jistgħu jwettqu l-ebda dmir ieħor fl-Aġenzija, fil-Bord tal-Amministrazzjoni tagħha jew fil-Bord tar-Regolaturi tagħha. Il-membri tal-Bord tal-Appell m'għandhomx jitneħħew mill-kariga tagħhom waqt il-mandat, sakemm membru ma jinstabx ħati ta' kondotta ħażina serja u l-Bord tal-Amministrazzjoni, wara li jkun ikkonsulta mal-Bord tar-Regolaturi, jieħu deċiżjoni f'dak ir-rigward.
4. Il-membri tal-Bord tal-Appell m'għandhomx jieħdu sehem fl-ebda proċedura ta' appell jekk ikollhom xi interess personali jew jekk qabel kienu involuti b'ħala rappreżentanti ta' waħda mill-partijiet għall-proċeduri, jew jekk kienu pparteċipaw fid-deċiżjoni taħt appell.
5. Membru tal-Bord tal-Appell għandu jinforma lill-Bord fil-każ li hu , għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 4 jew għal xi raġuni oħra, jidhirlu li membru sieħeb m'għandux jieħu sehem f'xi proċedura tal-appell. Kwalunkwe parti għall-proċeduri tal-appell tista' toġġezzjona għall-parteeċipazzjoni ta' xi Membru tal-Bord tal-Appell għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 4, jew jekk ikun issuspettat b'parzjalità. Tali oġġezzjoni m'għandhiex tkun inammissibbli jekk tkun ibbażata fuq innazzjonalità ta' membru jew, waqt li tkun konxja mir-raġuni għal oġġezzjoni, il-parti li qed toġġetta fil-proċedura tal-appell tkun għamlet pass proċedurali fil-proċedimenti tal-appell diversament milli toġġezzjona għall-kompożizzjoni tal-Bord tal-Appell.

6. Il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi dwar l-azzjoni li għandha tittieħed fil-każijiet speċifikati fil-paragrafi 4 u 5 mingħajr il-parteċipazzjoni tal-membri kkonċernat. Għall-iskopijiet tat-tehd ta' din id-deċiżjoni, il-membri kkonċernat għandu jiġi sostitwit fuq il-Bord tal-Appell mis-supplenti tiegħu. Jekk is-supplenti jsib ruħu f'qagħda simili, il-President għandu jaħtar sostitut minn fost is-supplenti l-oħra disponibbli.
7. Il-membri tal-Bord tal-Appell għandhom jaraw li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku. Għal dan il-għan, għandhom jaġmlu dikjarazzjoni bil-miktub ta' impenji u dikjarazzjoni bil-miktub ta' interessi li tkun tindika jew in-nuqqas ta' kull interess li jista' jiġi meqjus li jippreġudika l-indipendenza tagħhom jew kull interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru pubbliċi ta' kull sena.

Artikolu 19

Appelli

1. Kull persuna fiżika jew ġuridika, inklużi l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tista' tappella kontra deċiżjoni msemmija fl-Artikoli 7, 8 jew 9 li tkun indirizzata lil dik il-persuna, jew kontra deċiżjoni li, għalkemm fil-forma ta' deċiżjoni indirizzata lil persuna oħra, tikkonċerna direttament lil dik il-persuna.

2. L-appell, flimkien mal-istqarrija tar-raġunijiet , għandhom jitressqu bil-miktub lill-Aġenzija fi żmien xahrejn mill-jum tan-notifika tad-deċiżjoni lill-persuna kkonċernata, jew, fin-nuqqas tagħha, fi żmien xahrejn mill-jum li fih l-Aġenzija tkun ippubblikat id-deċiżjoni tagħha. Il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi dwar l-appell fi żmien xahrejn wara li jkun tressaq l-appell.
3. Appell li jsir skont il-paragrafu 1 hawn fuq m'għandux ikollu effett ta' sospensjoni. Il-Bord tal-Appell jista', madankollu, jekk iqis illi è-ċirkostanzi hekk jirrikjedu, jissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.
4. Jekk l-appell ikun ammissibbli, il-Bord tal-Appell għandu jeżamina jekk l-appell huwiex fondat sewwa. Kull meta jkun meħtieġ, għandu jstieden lill-partijiet għall-proċeduri tal-appell sabiex iressqu osservazzjonijiet dwar notifikati maħruġa minnu stess, jew dwar komunikazzjonijiet mill-partijiet l-oħra għall-proċeduri tal-appell, fil-limiti ta' żmien speċifikati. Il-partijiet għall-proċeduri tal-appell għandu jkollhom il-jedd li jagħmlu preżentazzjoni orali.
5. Skont dan l-Artikolu, il-Bord tal-Appell jista' jeżerċita kull setgħa li taqa' fil-kompetenza tal-Aġenzija, jew jista' jgħaddi l-każ lill-entità kompetenti tal-Aġenzija. Dan tal-aħħar għandu jkun marbut bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell.
6. Il-Bord tar-Regolaturi għandu jadotta u jippubblika r-regoli ta' proċedura tiegħu.
7. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tal-Appell għandhom ikunu ppubblikati mill-Aġenzija.

Artikolu 20
Azzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza
u l-Qorti tal-Ġustizzja

1. Azzjoni tista' titressaq quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza jew il-Qorti tal-Ġustizzja, konformement mal-Artikolu 230 tat-Trattat, sabiex tikkontesta deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-Bord tal-Appell jew, fil-każijiet li ma jkun hemm l-ebda dritt, quddiem il-Bord tal-Appell, mill-Aġenzija.
2. Fil-każ li l-Aġenzija tonqos milli tiegħu deċiżjoni, jistgħu jinġiebu proċeduri għal dan in-nuqqas ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza jew il-Qorti tal-Ġustizzja konformement mal-Artikolu 232 tat-Trattat.
3. L-Aġenzija għandha tkun obbligata li tiegħu l-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Prim' Istanza jew tal-Qorti tal-Ġustizzja.

KAPITOLU IV
Dispożizzjonijiet finanzjarji

Artikolu 21
Il-Baġit tal-Aġenzija

1. Id-dħul tal-Aġenzija għandu jinkludi b' mod partikolari:
 - (a) sussidju mill-Komunità, imdaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Taqsimat tal-Kummissjoni);

- (b) id-drittijiet mħallsa lill-Aġenzija konformement mal-Artikolu 22;
 - (c) kontributi volontarji mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet regolatorji taħt l-Artikolu 13(8); u
 - (d) legat, donazzjoni jew għotja taħt l-Artikolu 13(8).
2. In-nefqa tal-Aġenzija għandha tkopri l-ispejjeż tal-persunal, l-ispejjeż amministrattivi, l-ispejjeż infrastrutturali u l-ispejjeż operattivi.
 3. Id-dħul u l-infiq tal-Aġenzija għandhom ikunu f'bilanċ.
 4. Għandhom isiru previżjonijiet tad-dħul u l-infiq kollu tal-Aġenzija għal kull sena finanzjarja, li tikkoinċidi mas-sena kalendarja, u dawn għandhom jiddaħħlu fil-baġit tagħha.

Artikolu 22 Drittijiet

1. Id-drittijiet jistgħu ikunu dovuti lill-Aġenzija għal talbiet għal deċiżjoni ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 9(1).
2. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ffissati mill-Kummissjoni.

Artikolu 23
Kif jiġi stabbilit il-baġit

1. Sal-15 ta' Frar ta' kull sena, id-Direttur għandu jħejji abbozz preliminari tal-baġit li jkopri n-nefqa operattiva u l-programm ta' ħidma mistennija għas-sena finanzjarja ta' wara, u għandu jibgħat dak l-abbozz preliminari tal-baġit lill-Bord tal-Amministrazzjoni flimkien ma' lista tal-karigi proviżorji. Kull sena, il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jagħmel stima tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja ta' wara, abbażi tal-abbozz preliminari tal-baġit imħejji mid-Direttur. Din l-istima, li għandha tinkludi abbozz ta' pjan ta' stabbiliment, għandha tintbagħat mill-Bord tal-Amministrazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu. Qabel ma tiġi adottata l-istima, l-abbozz imħejji mid-Direttur għandu jintbagħat lill-Bord tar-Regolaturi, li jista' jgħid opinjoni ġustifikata dwar l-abbozz.
2. L-istima msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (awtorità baġitarja) flimkien mal-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
3. Abbażi tal-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea it-tbassiriet li tqis meħtieġa rigward il-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tal-għotja li għandha titħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea konformement mal-Artikolu 272 tat-Trattat.
4. L-awtorità baġitarja għandha tadotta l-pjan tal-istabbiliment għall-Aġenzija.

5. Il-baġit tal-Aġenzija għandu jittfassal mill-Bord tal-Amministrazzjoni. Għandu jitqies finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn ikun meħtieġ, għandu jkun aġġustat skont il-każ.
6. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-awtorità tal-baġit bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta xi proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-finanzjament tal-baġit tal-Aġenzija, b'mod partikolari kwalunkwe proġett marbut mal-proprjetà, bħall-kiri jew ix-xiri ta' bini. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jinforma wkoll lill-Kummissjoni b'dan. Jekk jaġħti l-każ li kwalunkwe fergħa tal-awtorità tal-baġit ikollha l-intenzjoni li toħroġ opinjoni, fi żmien ġimagħtejn mill-wasla tal-informazzjoni dwar il-proġett għandha tinnotifika lill-Aġenzija dwar din l-intenzjoni tagħha. Fin-nuqqas ta' tweġiba, l-aġenzija tkun tista' tipproċedi bil-proġett ippjanat.

Artikolu 24

L-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit

1. Id-Direttur għandu jaqdi d-dmirijiet tiegħu bħala uffiċjal ta' awtorizzazzjoni u għandu jimplimenta l-baġit tal-Aġenzija.

2. Sal-1 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Aġenzija għandu jibgħat il-kontijiet proviżorji, flimkien mar-rapport dwar it-tmexxija baġitarja u finanzjarja ta' dik is-sena finanzjarja, lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri. L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Aġenzija għandu jibgħat ukoll ir-rapport dwar it-tmexxija baġitarja u finanzjarja lill-Parlament u lill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara. Wara dan, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet proviżorji tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet deċentralizzati, konformement mal-Artikolu 128 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹ ("ir-Regolament Finanzjarju").
3. Sal-31 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jikkomunika l-kontijiet proviżorji tal-Aġenzija, flimkien mar-rapport dwar it-tmexxija baġitarja u finanzjarja ta' dik is-sena finanzjarja, lill-Qorti tal-Awdituri. Ir-rapport dwar it-tmexxija baġitarja u finanzjarja ta' dik is-sena finanzjarja għandu jintbagħat ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
4. Wara li jkun irċieva l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri rigward il-kontijiet proviżorji tal-Aġenzija skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju, id-Direttur għandu jelabora l-kontijiet definittivi tal-Aġenzija fuq ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha stess, u għandu jibgħathom lill-Bord tal-Amministrazzjoni għal opinjoni.
5. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jgħid opinjoni dwar il-kontijiet definittivi tal-Aġenzija.

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

6. Sal-1 ta' Lulju wara l-għeluq tas-sena finanzjarja, id-Direttur għandu jibgħat il-kontijiet definittivi, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tal-Amministrazzjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.
7. Il-kontabbiltà finali għandha tiġi ppubblikata.
8. Id-Direttur għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet tagħha sal-15 ta' Ottubru. Għandu jibgħat ukoll kopja ta' dik it-tweġiba lill-Bord tal-Amministrazzjoni u lill-Kummissjoni.
9. Id-Direttur għandu jibagħt lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar u kif stabbilit fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament Finanzjarju, kull tagħrif meħtieġ għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja kkonċernata,.
10. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jkun qed jaġixxi b' maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, jaġti kwittanza lid-Direttur Ġenerali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja N.

Artikolu 25 Regoli Finanzjarji

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija għandhom jitfasslu mill-Bord tal-Amministrazzjoni wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Dawn ir-regoli jistgħu jiddevjaw mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jekk il-ħtiġijiet operattivi speċifiċi għall-funzjonament tal-Aġenzija hekk jirrikjedu u biss bil-qbil minn qabel tal-Kummissjoni.

Artikolu 26
Miżuri kontra l-frodi

1. Għall-finijiet li jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)¹ għandhom japplikaw għall-Aġenzija mingħajr restrizzjonijiet.
2. L-Aġenzija għandha tissieħeb fil-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar investigazzjonijiet interni mmexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)² u għandha minnufih tadotta d-dispożizzjonijiet xierqa għall-persunal kollu tal-Aġenzija.
3. Id-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament, il-ftehimiet u l-istrumenti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minnhom, għandhom jistipulaw speċifikament li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu, jekk ikun meħtieġ, iwettqu kontrolli fuq il-post tal-benefiċjarji ta' flus maħruġa mill-Aġenzija, kif ukoll fuq il-persunal responsabbli għall-allokazzjoni ta' dawn il-flus.

¹ ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

² ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

KAPITOLU V

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 27 Privileġġi u immunitajiet

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandu japplika għall-Aġenzija.

Artikolu 28 Il-Persunal

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg għandhom japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija, inkluż id-Direttur tagħha.
2. Il-Bord tal-Amministrazzjoni, bi qbil mal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni adatti, konformement mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.
3. Fir-rigward tal-persunal tagħha, l-Aġenzija għandha teżerċita s-setgħat konferiti fuq l-awtorità tal-ħatra mir-Regolamenti tal-Persunal u fuq l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti mill-Kondizzjonijiet tal-Impjieg.

4. Il-Bord tal-Amministrazzjoni jista' jadotta dispożizzjonijiet oħra sabiex esperti nazzjonali minn Stati Membri jkunu jistgħu jiġu impjegati billi jiġu ssekondati mal-Aġenzija.

Artikolu 29 Responsabbiltà legali tal-Aġenzija

1. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Aġenzija, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, għandha tagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara kkaġunata minnha jew mill-persunal tagħha fil-qadi ta' dmirijietom. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha l-ġurisdizzjoni f'kull tilwima marbuta mal-kumpens għal ħsara bħal din.
2. Ir-responsabbiltà finanzjarja personali u r-responsabbiltà dixxiplinarja tal-persunal tal-Aġenzija lejn l-Aġenzija għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet rilevanti li japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija.

Artikolu 30 Aċċess għad-dokumenti

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni¹ għandu japplika għad-dokumenti miżmuma mill-Aġenzija.

¹ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

2. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta miżuri prattiċi għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 sa ...*.
3. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija konformement mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu s-suġġett ta' lment lill-Ombudsman jew ta' kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, skont il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 195 u 230 tat-Trattat rispettivament.

Artikolu 31

Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi

1. L-Aġenzija għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi li jkunu kkonkludew ftehimiet mal-Komunità, li bihom ikunu adottaw u jkunu qegħdin japplikaw il-liġi Komunitarja fil-qasam tal-enerġija u, jekk ikun relevanti, fl-oqsma tal-ambjent u l-kompetizzjoni.
2. Konformement mad-dispożizzjonijiet relevanti ta' dawn l-istrumenti ta' ftehim, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti li jispeċifikaw, b'mod partikolari, in-natura, l-ambitu u l-aspetti proċedurali tal-involviment ta' dawn il-pajjiżi fil-ħidma tal-Aġenzija, inklużi dispożizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji u mal-persunal.

* ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal id-data li tiġi sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 32
Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna minn Kumitat.
2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 taġġha.

Artikolu 33
Arranġamenti għal-lingwi

1. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jiddetermina l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea¹ għandhom japplikaw għall-Aġenzija.
2. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jiddeċiedi dwar l-arranġamenti interni għal-lingwi għall-Aġenzija.
3. Is-servizzi ta' traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Aġenzija għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

¹ ĠU 17, 6.10.1958, p. 385.

KAPITOLU VI

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 34

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni, bl-assistenza ta' espert estern indipendenti, għandha twettaq evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija. Dik l-evalwazzjoni għandha tkopri r-risultati miksuba mill-Aġenzija u l-metodi ta' ħidma tagħha, b'rabta mal-għan, il-mandat u l-kompiti tagħha, kif iddefiniti f'dan ir-Regolament u fil-programmi annwali ta' ħidma tagħha. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq konsultazzjonijiet estensivi skont l-Artikolu 10.
2. Il-Kummissjoni għandha tissottometti l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Bord tar-Regolaturi tal-Aġenzija. Il-Bord tar-Regolaturi għandu jgħid rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-bidliet għal dan ir-Regolament, l-Aġenzija u l-prattika ta' ħidma tagħha lill-Kummissjoni, li tista' tgħaddi dawk ir-rakkomandazzjonijiet, flimkien mal-opinjoni tagħha kif ukoll flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
3. L-ewwel evalwazzjoni għandha titressaq mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa tliet snin wara li l-ewwel Direttur ikun ħa l-kariga tiegħu. Wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni tal-anqas kull erba' snin.

Artikolu 35
Dħul fis-seħħ u dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. L-Artikoli 5, sa 11 għandhom japplikaw minn ...*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

* ĠU: Jekk jogħġbok, daħħal id-data li tiġi 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.